

# L-Iskultur Xandru Farrugia



Mario Fenech

L-Iskultur Xandru Farrugia huwa magħruf sew għax-xogħol artistiku tiegħu tant li fost l-istatwi ewlenin tiegħu nsibu wkoll statwi titulari.

Waħda mill-istatwi li ħadem dan l-iskultur u meqjusa bħala ġawhra artistika hija l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju meqjuma fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija f'Ħal Għaxaq.

Iż-żewġ statwi titulari oħrajn ukoll importanti ħafna fix-xogħol ta' dan l-iskultur huma l-istatwa titulari ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien li tlestiet fis-sena 1829 u l-istatwa titulari ta' San Pawl fil-parroċċa ta' Ħal Safi li tlestiet fis-sena 1840.

Minbarra dawn l-istatwi, l-Iskultur Farrugia għamel ukoll żewġ statwi tal-Madonna tar-Rużarju għall-irħula tal-Għargħur fis-sena 1823 u tax-Xagħra Għawdex fis-sena 1849.

Statwa oħra hija dik tal-Madonna tal-Katina li għamel għall-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla. Din għamilha fis-sena 1844.

Fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira minn idejn dan l-iskultur għandna 'l Kristu Marbut mal-Kolonna fiż-Żejtun li sar fis-sena 1838, l-istatwa tal-*Ecce Homo* għall-purċissjoni tan-Naxxar fis-sena 1847 u l-Korp ta' Kristu Mejjet għall-monument tal-purċissjoni li toħroġ mill-Bażilika ta' San Ġorġ Martri fil-Belt Victoria Għawdex. Dan ix-xogħol kien lest fis-sena 1844.

Ma' dawn l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira li ħadem l-Iskultur Xandru Farrugia wieħed irid isemmi wkoll l-Anġlu li hemm mal-istatwa ta' Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani fis-sett tal-parroċċa taż-Żejtun. Dan l-Anġlu l-Iskultur Farrugia kien ħadmu għall-istatwa titulari ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien. Għal xi raġuni ma kienx intgħoġob u għalhekk ġie meħud iż-Żejtun għal dan is-sett tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira.

Fiż-Żejtun ukoll huwa skolpa fil-ġebla Maltija fis-sena 1882 l-istatwi tal-Isperanza u tal-Fidi għal mal-faċċata tal-Knisja Arċipretali ta' Santa Katerina.

Fil-pjazza ewlenija tal-Gudja l-istatwa ta' San Ġużepp fuq pedestall tal-ġebel hija wkoll xogħol ta' dan l-iskultur. Ħadimha fis-sena 1834.



L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju Ħal Għaxaq

Xandru Farrugia twieled fiż-Żejtun nhar it-2 ta' Frar 1781. Tgħallem is-sengħa tal-iskultura għand l-Imgħallem u Skultur kbir ieħor il-Bormliż Marjanu Gerada li fl-1808 skolpa fl-injam l-istatwa titulari ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq.

Kellu karriera artistika twila ħafna fejn minbarra l-ħafna statwi kbar li għamel, huwa ħadem ukoll diversi settijiet ta' gandlieri skolpiti fl-injam, settijiet ta' appostli, karti tal-glorja kif ukoll skultura fl-injam biex fuqha tinhadem il-fidda mmartellata.

Meta wieħed jifli bir-reqqa r-riżultat tax-xogħol tiegħu jinnota kemm kien kapaċi dan l-iskultur għaliex ħareġ mill-ħanut tiegħu għadd kbir ta' opri sagri sbieħ li għadna ngawduhom sal-lum.

Għal daqstant il-poplu tar-raħal ta' Ħal Għaxaq għandu għax ikun kburi li minbarra l-istatwa artistika ta' Santa Marija, għandu wkoll din l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju meqjuma fil-knisja parrokkjali tiegħu.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**